TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 216/17-F

**Rosario Schembri**

**vs**

**JLJ Mobiles**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u ħmistax-il ewro (€515), rappreżentanti prezz ta' mobile phone Samsung Galaxy S6, li wara ċertu żmien beda jeħel, jintefa u jixgħel waħdu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mobile phone mingħand id-ditta ntimata li wara ċertu żmien beda jeħel, jintefa u jixgħel waħdu. Illi meta kien imur għand id-ditta ntimata kien jagħmillu formatting, u dan ġara tliet darbiet u xorta baqa' bl-istess problema, u wara mbagħad bidillu l-mobile phone. Illi minkejja li bidillu l-mobile phone ma' wieħed ġdid, li skond ir-rikorrenti ma kienx ġdid, xorta baqa' bl-istess problemi.

L-intimat issottometta illi hu jġib kollox ġdid u l-probabilta' li qed jiġri hu li daħal xi virus, allura hemm bżonn li jinstalla l-anti virus ġo dan il-mobile phone.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi kien hemm diversi problemi b'dawn il-mobile phones u li l-problema qatt ma ssolviet ruħha, u apparti l-inkonvenjent kbir li daħal fih ir-rikorrenti, l-problema baqgħet hemm.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-mobile phone jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888